# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Dicembru, 2001.**

**Numru 3**

**Rikors numru 657/98 FS**

**Monchef Choubene**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. B'rikors tieghu datat 5 ta' Gunju 1998, ir-rikorrent wara li ppremetta li huwa mizzewweg u ghandu lil martu Malta, u lil ibnu u ppremetta wkoll illi martu ghandu l-permess li toqghod hawn Malta u huwa le. Illi hawn Malta twieled it-tifel tieghu, Rami, li issa ghandu hames snin, li qed jghix mal-omm, u huwa jarah tlett darbiet fil-gimgha,

u dan minhabba xi problemi bejn il-genituri. Illi hu gie ordnat li jhallas lil martu manteniment ta' Lm12 ghat-tifel, u fil-fatt meta nstab jahdem, bdew jittiehdu proceduri kontra tieghu talli kien qed jahdem, u issa jinsab rinfaccjat bil-possibilita' li jitkecca minn Malta, u b'hekk jigi mifrud minn ibnu li twieled Malta. Illi dawn il-proceduri kontrieh biex jitkecca minn Malta jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tieghu kif protett fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Talab li, prevja d-dikjarazzjoni li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur jew ksur probabbli tad-dritt fondamentali protett mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, taghti dawk ir-rimedji finali ghal tali ksur tad-dritt protett u li qed jigi lez, principalment dak li huwa ma jitkecciex minn Malta u hekk jinfired minn ibnu.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

2. B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2001, it-talba tar-rikorrent giet michuda, spejjez bla taxxa.

**<u>L-APPELL TAR-RIKORRENT</u>**

3. Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravju li gej :-

La darba gie stabbilit li hu kellu dritt ghall-family life, l-ezami ghandu jkun hekk l-interferenza hix proporzjonata, u jekk dakli se jsir kienx se jkisser irremedjabiliment l-opportunita' u d-dritt tal-missier li jkun qrib ibnu, jew sahansitra li jarah.

Bit-tkeccija tieghu minn Malta, huwa ma jkollu l-ebda dritt li jidhol, u ghalhekk jintilef kull rabta li ghandu mat-tifel. Lanqas jista' jinvoka xi jedd esegwibbli mill-Qrati Maltin, li jidhol u jara lil ibnu.

Jekk il-Kap 217 ta' Malta huwa ragjonevoli, f'cirkostanzi ordinarji imma kemm jibqa' b'sahhtu mat-test tal-Konvenzjoni Ewropeja, li ma tridx anke fl-esekuzzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi, li jkun hemm ragjonevolezza u proporzjon? Huwa ghalhekk li l-Konvenzjoni taghti rimedji, ghaliex il-hruxija tal-ligi jkollha tbaxxi rasha fejn jidhlu l-jeddijiet fondamentali.

Illum dan it-tifel ghandu dritt li jibqa' Malta mill-inqas sakemm jaghlaq dsatax-il sena. U ma hemm l-ebda ligi li b'xi mod hi esegwibbli li jekk il-missier imur it-Tunezija, it-tifel ikun jista' jmur jarah.

L-isproporzjoni jidher fil-fatt li r-rabta bejn il-missier u t-tifel tinqata' darba ghal dejjem, ghaliex ma jistax ikun li t-tifel jghaddi sa tmintax-il sena meta mbaghad ikollu l-jedd li jaghmel li jidhirlu u jmur ifittex lil missieru.

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja hija fis-sens ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant l-esponenti talab li l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni mitluba u ghar-rimedju effettiv, u minflok taqta' t-talbiet kollha u taghti rimedju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

4. L-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija wiegeb hekk :-

Stante li l-Avukat Generali gie mahrug mill-proceduri bl-ispejjez kontra l-appellant kemm ghar-ragunijiet esposti fis-sentenza appellata kif ukoll ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tal-intimati ghar-rikors promotur tal-gudizzju li ghalihom qieghda ssir riferenza.

Di fatti, dak li verament hu in kwistjoni fil-fattispeci tal-kaz odjern ma hux id-dritt tar-rikorrent ghall-hajja familjarji izda d-dritt ta' kull Stat li jikkontrolla d-dhul fit-territorju tieghu ta' persuni li ma humiex cittadini tieghu u, kif gie ritenut fil-kaz Gul vs Switzerland l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja invokat mir-rikorrent appellant ma jimponi ebda obbligu fuq l-Istat li ghandu jirrispetta l-ghazla ta' koppji mizzewga fejn

jistabilixxu r-residenza matrimonjali taghhom jew li ghandu jawtorizza li familja tistabilixxi ruhha fit-territorju ta' dak l-Istat. Ir-rikorrent qatt ma kellu "dritt" jidhol Malta. Qatt ma kellu "dritt" joqghod Malta. Ma ghandux anqas illum "dritt jibqa' Malta. Kien gie awtorizzat jidhol Malta biss ghal perjodu temporanju li skada u r-rikorrent ddekada minn kull koncessjoni li nghatatlu in vista tal-ksur ripetut tal-ligi u tal-kondizzjonijiet imposti fuqu.

Ir-rikorrent appellant jippretendi li l-proceduri li qieghdin jittiehdu kontra tieghu mill-esponenti jiksru l-artikolu 8 msemmi izda fir-realta' l-istess proceduri ma jipprekludux lir-rikorrent milli jiehu lil martu u ibnu mieghu u b'hekk tigi mharsa l-family life tieghu . Hija l-imgieba refrattarja tieghu li harbet l-unjoni tal-familja tar-rikorrent u li qed tipprekludih milli jinghaqad ma' u jkollu access ghall-familja tieghu u mhux il-proceduri li ghamel l-esponenti wara li r-rikorrent ripetutament kiser il-ligijiet tal-pajjiz. L-esponenti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-falliment taz-zwieg tar-rikorrent. Ta' lanqas mill-1995, kif xehdet Jane Goodwyn, ma kien ghad baqa' ebda family life bejnha, binha u r-rikorrent appellant.

Ghaldaqstant is-sentenza appellata hi gusta u ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

5. Fl-ewwel lok ikun utli li jigi rilevat li miz-zewg intimati originali, l-Avukat Generali gie mahrug mill-proceduri, u l-istanza ghalhekk baqghet biss kontra l-appellat Kummissarju tal-Pulizija.

6. Ir-rikorrent appellant, persuna ta' nazzjonalita' u cittadinanza Tunezina, qieghed jinvoka l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem biex iwaqqaf ordni ta' deportazzjoni mahruga kontrieh mill-appellat in kwantu jissottometti li d-dritt tieghu ghall-godiment tal-"family life" jigi lez u dan peress li jekk tigi fis-sehh it-tkeccija tieghu minn Malta, ma jkunx possibbli aktar ghalih li jara u jkun ma ibnu minuri – li twieled Malta u joqghod ukoll Malta fil-kura u kustodja ta' martu, Jane Goodwil, ta' cittadinanza Maltija. Jinghad ukoll li fil-prezent il-genituri jghixu separati minn xulxin u r-rapport ta' bejniethom m'huwiex wiehed tajjeb.

7. Mill-provi jemergi li l-ewwel darba li r-rikorrent gie Malta kien f'Lulju tal-1990 u kien gja' mkecci mill-pajjiz ghax kien oltrapassa z-zmien tas-soggorn u baqa' Malta u mill-gdid estenda s-soggorn tieghu illegalment u rega' tkecca. Dan ifisser li <u>qabel</u> ma r-rikorrenti fforma familja ma' Goodwill u kellu tarbija minnha, huwa gja' kien tkecca minn Malta darbtejn. Irrizulta li r-rikorrent naqas li jipprovdi manteniment lill-familja tieghu u gie ordnat li jissoministralhom retta alimentarja. Ir-

rikorrent jallega li t-tielet ordni ta' tkeccija tieghu sehhet ghar-raguni li huwa nqabad jahdem Malta illegalment f'mument meta hu kien qed jaghmel sforz biex jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti biex jipprovdi manteniment lill-membri tal-familja tieghu. Bir-rispett kollu, din il-Qorti hawn tirrileva li din is-sottomissjoni hija wahda sofista u inammissibbli. Meta r-rikorrent gie ordnat jissomministra manteniment lill-familjari tieghu, huwa ma kienx qed jigi mgieghel ukoll jikser il-ligijiet tal-pajjiz. Jekk hu ma setax jahdem Malta u ma kienx ottjena tali permess, hu kien fid-dmir li jottempera ruhu mal-obbligi civili tieghu bla ma jikser disposizzjonijiet ohra tal-ligijiet tal-pajjiz.

8. Illi ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-mod kif l-appellat Kummissarju tal-Pulizija ghazel li jimposta r-risposta tieghu, jigifieri li "dak li verament hu in kwistjoni fil-fatti specje tal-kaz odjern ma hux id-dritt tar-rikorrent ghall-hajja familjari izda d-dritt ta' kull stat li jikkontrolla d-dhul fit-territorju tieghu ta' persuni li ma humiex cittadini tieghu …….", madankollu xorta wahda din il-Qorti hija tal-fehma li dak pretiz mill-appellant fic-cirkustanzi partikulari tal-kaz m'huwiex fondat.

Fi kliem iehor, din il-Qorti tqis li jezisti kemm id-dritt ghall-hekk imsejha "family life", kif ukoll id-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li m'humiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu gja' fit-territorju tieghu. Milll-banda l-ohra, mhux kull

interferenza tal-"family life" da parti ta' l-Istat hija vjetata ghaliex jista' jissussistu cirkustanzi fejn tali interferenza tkun permessibbli.

9. Illi skond il-gurisprudenza kostanti u kopjuza li evolviet il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem gewwa Strasbourg ghandu jinzamm bilanc xieraq bejn dawn iz-zewg drittijiet. Ghalkemm jidher li bhala dritt fondamentali, kif sancit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, tali dritt ghandu jitqies bhala wiehed 'superjuri' ghal-ligijiet ordinarji u ta' natura amministrattiva tal-pajjiz, in kwantu hu dritt fondamentali u inaljenabbli, fl-istess waqt ma jfissirx li ghandu jigi applikat bilfors anke meta manifestament jirrizulta li min irid jezercitah qieghed fi stat ta' illegalita'. Id-diffikoltajiet insiti fl-ordni ta' deportazzjoni, kompriz l-allontanament tal-missier minn ibnu, ma gewx ikkreati min-naha ta' l-Istat ta' Mata fil-kaz in ezami imma huma attribwibbli ghal agir skorrett u ripetut min-naha tar-rikorrent innifsu li ghal darba, darbtejn, u tlieta inqabad Malta bhala immigrant illegali. Hekk, fil-kaz "Selmani vs Switzerland" (numru 70258/01) deciz proprju f'Gunju 2001, il-Qorti Ewropeja surreferita stharrget u ddecidiet kaz fejn il-missier kellu jibqa' detenut b'sentenza fl-Isvizzera mentri l-bqija tal-familja tieghu giet iddeportata billi ma setghetx tibqa' tirrisjedi fl-Isvizzera, u b'hekk sehh ukoll allontanament u separazzjoni forzata tal-familja. Dik il-Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet li f'dak il-kaz kien hemm interferenza tal-"family life" da parti ta' l-Istat, madankollu xorta wahda

sabet il-kaz lilha riferit mid-detenut u l-familjari tieghu bhala wiehed inammissibbli in kwantu rriteniet illi,

> "The difficulties which the applicants encountered were thus not excessive and did non render family life impossible. The present article did non imply, in the present case, an obligation for the authorities to ensure that the applicants could visit A.S."

Kif allura tajjeb jissottometti l-appellat fir-risposta tieghu,

> "…… fir-realta' l-istess proceduri ma jipprekludux lir-rikorrenti milli jiehu lil martu u ibnu mieghu u b'hekk tigi mharsa l-'family life' tieghu."

L-Istat Malti bl-ebda mod m'hu jimpedixxi lir-rikorrent milli jiltaqa' jew ikun flimkien mal-familja tieghu barra mill-pajjiz. Ma hemm xejn "irrimedjabbli" kif isostni l-appellant fost l-aggravji tieghu. L-interferenza da parti ta' l-Istat Malti fic-cirkostanzi msemmija hija wahda "proporzjonata" u gustifikata. Jekk imbaghad anke tali kuntatt jew avvicinament bejn il-familja tar-rikorrent jipprezenta diffikultajiet minhabba d-disgwid prezenti bejn ir-rikorrent u martu, certament ma jahtix ghal dan l-appellat Kummissarju tal-Pulizija u wisq anqas l-Istat.

10. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li kieku kellha taccetta r-ragjonament tar-rikorrent kif espost fir-rikors t'appell, ikun ifisser li kull persuna barranija, anke meta din tkun sfat validament ordnata biex tigi deportata mill-pajjiz, li tipprova li kellha rabta familjari in konsegwenza ta' twelid ta' tarbija jew xort'ohra fil-mori tal-proceduri, allura f'kull kaz

simili, tali persuna jkollha d-dritt li tibqa' tirrisjedi fil-pajjiz sakemm it-tarbija ssir maggorenni u din in vista tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ragjonament bhal dan ma jreggix u dan minkejja li l-ordni ta' deportazzjoni tkun timplika interferenza da parti ta' l-Istat ghat-tgawdija libera tal-"family life". Fic-cirkustanzi tal-kaz in ezami, l-interferenza da parti tal-Istat Malti, kif odjernament rapprezentata mill-appellat Kummissarju tal-Pulizija kienet temani minn proceduri validi u legittimi u kkonfrontata mad-diffikutaljiet imsemmijin min-naha tal-parti appellanti, kienet interferenza ragjonevoli u proporzjonata. Kwindi, u fuq l-iskorta ta' dak li gie ritenut fil-kaz "Farah vs Sweden" (numru 43218/98) deciz fl-24 ta' Awissu 1999, mill-Qorti Ewropeja, tali cirkostanza,

> "The interference was in accordance with law and pursued the legitimate aim of preventing order or crime ….. the authorities cannot be considered as having failed to strike a fair balace between the applicant's right to respect for family life and the prevention of disorder and crime."

L-atteggjament passat tar-rikorrent u l-hajja refrattarja tieghu kienu jammontaw ghal sfida ghaz-zamma tal-ordni fil-pajjiz u minn din il-posizzjoni ta' agir illegali m'ghandu jitnissel ebda dritt kif qed issa jippretendi r-rikorrent.

11. Illi l-uniku punt li din il-Qorti sabet favur ir-rikorrent huwa li l-vjolazzjonijiet tieghu li wasslu ghall-ordni ta' deportazzjoni tieghu minn Malta ma kienux gravi hafna imma anki hawn ghandu jigi osservat li r-

rikorrenti gie misjub hati fi tlett (3) okkazjonijiet separati bhala immigrant illegali. L-Istat ghandu kull dritt li jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji biex haga bhal din ma ssirx ghaliex, diversament, jirrenja l-kaos u d-dizordni socjali. Ghalhekk it-talba li r-rikorrent ma jitkecciex minn Malta ma tistax tigi akkolta. Din id-decizjoni ma hijiex tiddefinixxi drittijiet ta' access tal-imsemmi ghall-minuri u vice versa li jibqghu impregudikati.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tar-rikorrenti Monchef Choubene bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra tieghu.

Dep/Reg

mg